

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

<http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocsts.html>

Ir-Regolament Nru 0 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-Approvazzjoni tat-Tip Internazzjonali ta' Vettura Sħiħa (IWVTA) [2018/780]

Data tad-dħul fis-seħħ: 19 ta' Lulju 2018

WERREJ

REGOLAMENT

1. Kamp ta' applikazzjoni
2. Definizjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet
6. Proċedura tat-test
7. Modifika tat-tip tal-IWVTA u modifika tal-approvazzjoni
8. Konformità tal-produzzjoni
9. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
10. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
11. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip
12. Dispożizzjonijiet introduttori u tranżizzjonali
13. Dispożizzjonijiet speċjali għal Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament

ANNESI

1. Formola ta' komunikazzjoni
2. Arranġament tal-marka tal-approvazzjoni tat-tip
3. Proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-IWVTA

4. Lista ta' rekwiżiti għall-finijiet tal-IWVTA
5. Dokument ta' informazzjoni għall-finijiet tal-IWVTA
6. Speċifikazzjonijiet dwar id-Dikjarazzjoni ta' Konformità (DoC) tal-IWVTA
7. Definizzjoni tal-klassi tal-IWVTA u tat-tip tal-IWVTA
8. Numru tal-approvazzjoni tat-tip għall-IWVTA
9. Notifika jekk jidħlu fis-seħħ rekwiżiti ġodda għal-U-IWVTA eżistenti

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

- 1.1. Dan ir-Regolament japplika għall-vetturi tal-kategorija M₁ ⁽¹⁾. Ir-Regolament jispeċifika r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fihom:

- 2.1. "*Manifattur*" tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip u biex tiġi żgurata tal-konformità tal-produzzjoni. Mhuwiess essenzjali li l-persuna jew il-korp ikunu involuti b'mod dirett fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni tal-vettura li tkun hija s-suġġett tal-proċess tal-approvazzjoni.
 - 2.1.1. "*Rappreżentant tal-manifattur*" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament li tkun maħtura kif xieraq mill-manifattur biex tirrappreżentah quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni u biex taġixxi f'ismu fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament. F'dan ir-Regolament, meta ssir referenza għall-manifattur, din tfisser jew il-"Manifattur" jew ir-"Rappreżentant tal-manifattur".
- 2.2. "*Klassi tal-IWVTA*" tfisser grupp ta' vetturi li ma jvarjawx f'aspetti essenzjali bħal dawk speċifikati fil-paragrafu 1.1 tal-Anness 7.
 - 2.2.1. "Tip tal-IWVTA" tfisser grupp ta' vetturi li jistgħu jiġu approvati taħt IWVTA waħda kif definit fil-paragrafu 1.2 tal-Anness 7. Il-vetturi f'tip tal-IWVTA jappartjenu għall-istess klassi tal-IWVTA u jkollhom l-istess livell ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 4. Tip tal-IWVTA jista' jkun fih varjanti u verżjonijiet kif definiti fil-paragrafi 1.3 u 1.4 tal-Anness 7.
- 2.3. "*Approvazzjoni tat-Tip Internazzjonali ta' Vettura Sħiħa (IWVTA)*" tfisser approvazzjoni tat-tip tal-IWVTA għal dan ir-Regolament, fejn Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament tiċċertifika li t-tip tal-IWVTA jissodisfa d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.
 - 2.3.1. "*IWVTA Universali (U-IWVTA)*" tfisser IWVTA fejn ir-Regolamenti tan-NU applikabbli elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I, kollha jkunu mħarsa skont il-verżjoni ta' dawn ir-Regolamenti tan-NU kif elenkati f'dik it-taqsima jew fi kwalunkwe verżjoni suċċessiva.
 - 2.3.2. "*IWVTA b'rikonoxximent limitat (L-IWVTA)*" tfisser IWVTA fejn:
 - (a) Mhux ir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I kollha jkunu mħarsa; u/jew
 - (b) Ir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I kollha jew xi wħud minnhom ikunu mħarsa skont verżjoni preċedenti għal dik elenkata f'dik it-taqsima.
- 2.4. "*Dokument ta' informazzjoni*" tfisser id-dokument stipulat fl-Anness 5 li jippreskrivi l-informazzjoni li għandha tingħata mill-applikant. Dan jista' jkun fil-forma ta' fajl elettroniku.
- 2.5. "*Folder ta' informazzjoni*" tfisser folder li jinkludi d-dokument ta' informazzjoni, id-dejta, id-disinji, ir-ritratti u materjal rilevanti ieħor, ipprovduti mill-applikant. Dan jista' jkun fil-forma ta' fajl elettroniku.

⁽¹⁾ Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.2, paragrafu 2.2.1. – www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

- 2.6. “Pakkett ta’ informazzjoni” tfisser il-folder ta’ informazzjoni flimkien mar-rapporti tat-testijiet u d-dokumenti l-oħra kollha miżjuda mad-dokument ta’ informazzjoni mis-Servizz Tekniku jew mill-awtorità tal-approvazzjoni waqt it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, li jkun jinkludi l-indiċi għall-pakkett ta’ informazzjoni. Dan jista’ jkun fil-forma ta’ fajl elettroniku.
- 2.7. “Indiċi għall-pakkett ta’ informazzjoni” tfisser id-dokument li jelenka l-kontenut tal-pakkett ta’ informazzjoni, innumerat kif xieraq jew immarkat b’mod ieħor sabiex jidentifika b’mod ċar il-paġni kollha. Il-format tad-dokument għandu jkun b’tali mod li jippreżenta rekord tal-passi suċċessivi fil-ġestjoni tal-approvazzjoni tat-tip, b’mod partikolari meta jkunu saru xi reviżjonijiet jew aġġornamenti.
- 2.8. “Kompetenza teknika” tfisser, skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim tal-1958, li Parti Kontraenti għandha l-kapaċità li tivverifika l-konformità ta’ tip tal-IWVTA ma’ dan ir-Regolament, abbażi tal-approvazzjonijiet tat-tip individwali ppreżentati mill-manifattur fl-applikazzjoni tiegħu u l-kapaċità li tikkonferma li s-sistemi u l-komponenti tal-vettura huma installati skont ir-Regolamenti tan-NU individwali elenkati fl-Anness 4. Dan ifisser li Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament mhux neċessarjament ikollha l-kompetenza teknika meħtieġa biex toħroġ approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tar-Regolamenti tan-NU kollha elenkati fl-Anness 4.
- 2.9. “Dikjarazzjoni ta’ Konformità (DoC)” tfisser l-informazzjoni għal vettura individwali li tappartjeni għal tip tal-IWVTA, approvata skont dan ir-Regolament, li tiċċertifika għal liema mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4 u għal liema verżjonijiet ġie approvat it-tip tal-IWVTA fil-mument tal-produzzjoni tagħha.
- 2.10. “Komponent” tfisser tagħmir jew part ta’ vettura li huwa suġġett għar-reqwiziti ta’ kwalunkwe wieħed mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4 u li huwa maħsub biex ikun parti minn vettura, li t-tip tiegħu jista’ jiġi approvat indipendentement minn vettura meta r-Regolament tan-NU jagħmel dispożizzjonijiet espliċiti biex dan isir.
- 2.11. “Sistema tal-vettura” tfisser assemblaġġ ta’ apparati kkombinati biex iwettaq funzjoni speċifika waħda jew aktar f’vettura u li huwa suġġett għar-reqwiziti ta’ kwalunkwe wieħed mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4.
- 2.12. “Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip” tfisser id-dokument li bih l-awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika uffiċjalment li tip ta’ vettura, tagħmir jew parts ġie approvat jew li t-tali approvazzjoni ġiet immodifikata.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

- 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta’ tip tal-IWVTA fir-rigward tal-IWVTA għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur lill-awtorità tal-approvazzjoni tal-Parti Kontraenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 3 tal-Ftehim tal-1958.
- 3.2. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata bid-dokumentazzjoni li ġeja:
 - 3.2.1. Il-folder ta’ informazzjoni li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness 5;
 - 3.2.2. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip kif meħtieġ mill-paragrafu 5.1.2 (U-IWVTA) jew il-paragrafu 5.1.3 (L-IWVTA) ta’ hawn taħt.
- 3.3. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni u d-dokumentazzjoni ta’ akkumpanjament għandhom jiġu mfassla bl-Ingliż. Il-manifattur għandu jipprovdi wkoll traduzzjoni tad-dokumentazzjoni fil-lingwa mitluba mill-Parti Kontraenti li ttipproċessa l-applikazzjoni. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip li jakkumpanjaw l-applikazzjoni m’għandhomx għalfejn jiġu tradotti.
- 3.4. Vettura/i rappreżentattiva/i tat-tip tal-IWVTA li jrid jiġi approvat għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità tal-approvazzjoni jew lis-servizz tekniku magħżul tagħha responsabbli mit-twettiq tal-ispezzjonijiet tal-Anness 3.
- 3.5. Il-manifattur għandu jassenja deżinjazzjoni tat-tip unika għal kull tip tal-IWVTA fi klassi tal-IWVTA.
- 3.6. Il-varjanti u l-verżjonijiet kollha f’tip tal-IWVTA wieħed għandhom ikunu koperti mill-istess applikazzjoni għall-IWVTA.
- 3.7. L-applikazzjonijiet għat-tipi tal-IWVTA kollha fi klassi tal-IWVTA waħda għandhom jiġu ppreżentati lill-istess awtorità tal-approvazzjoni.

4. APPROVAZZJONI

- 4.1. Għandhom jiġu segwiti l-proċeduri tal-Anness 3.

- 4.2. Jekk it-tip tal-IWVTA ppreżentat għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, l-approvazzjoni ta' dak it-tip għandha tingħata b'kont meħud tal-paragrafu 12.2.
- 4.3. Numru tal-approvazzjoni tat-tip għandu jiġi assenjat lil kull tip tal-IWVTA approvat skont l-Anness 8.
- 4.4. Notifika ta' approvazzjoni jew ta' estensjoni, ta' rifjut jew ta' rtirar tal-approvazzjoni ta' tip tal-IWVTA skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkomunikata, permezz ta' bażi tad-dejta fuq sit tal-Internet sikur skont l-Iskeda 5 tal-Ftehim tal-1958, lill-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament, permezz tal-formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1⁽¹⁾.
- 4.5. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip għandha titwawhhal, bħala mezz ta' identifikazzjoni tat-tip tal-IWVTA, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli kif speċifikat fid-dokument ta' informazzjoni fl-Anness 5, ma' kull vettura konformi ma' tip tal-IWVTA, approvat skont dan ir-Regolament. Tali marka tal-approvazzjoni tat-tip għandha tkun skont l-Anness 2.
- 4.6. Il-marka tal-approvazzjoni preskritta fil-paragrafu 4.5 ta' hawn fuq ma tistax tiġi sostitwita b'Identifikatur Uniku (UI) kif imsemmi fl-Iskeda 5 tal-Ftehim tal-1958.
- 4.7. Għal sistemi ta' vetturi kif definiti fil-paragrafu 2.11 ta' hawn fuq, li l-approvazzjonijiet tagħhom huma referenzjati f'IWVTA, m'hemm għalfejn titwawhhal l-ebda marka tal-approvazzjoni tat-tip. Il-marki tal-approvazzjoni għal komponenti kif definiti fil-paragrafu 2.10 ta' hawn fuq għandhom jitwawhhal kif preskritti mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4.
- 4.8. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tistax titħassar.
- 4.9. Jekk il-panċa tad-dejta tal-vettura titwawhhal mill-manifattur, il-marka tal-approvazzjoni tat-tip għandha titqiegħed qribha jew fuqha.
- 4.10. Għall-U-IWVTA, il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun f'konformità mal-mudell tal-Anness 2, Taqsima I. Għal-L-IWVTA, il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun f'konformità mal-mudell tal-Anness 2, Taqsima II.
- 4.11. Il-varjanti u l-verżjonijiet kollha f'tip tal-IWVTA wieħed għandhom jiġu approvati f'IWVTA waħda.
- 4.12. L-approvazzjonijiet għat-tipi tal-IWVTA kollha fi klassi tal-IWVTA waħda għandhom jiġu pproċessati mill-istess awtorità tal-approvazzjoni.
- 4.13. Klassi tal-IWVTA ġdida tiġi ġġenerata mal-ġotti tal-ewwel approvazzjoni għal tip tal-IWVTA li jinsab f'din il-klassi tal-IWVTA. Approvazzjonijiet suċċessivi għal tipi tal-IWVTA oħrajn jistgħu jirreferu għal din il-klassi tal-IWVTA eżistenti, dejjem jekk il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1.1 tal-Anness 7 jkunu ssodisfati.
5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET
- 5.1. Ċertifikati meħtieġa
- 5.1.1. It-tip tal-IWVTA għandu jissodisfa r-rekwiżiti preskritti f'dan ir-Regolament kif ukoll dawk speċifikati fir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I. Dan għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti tan-NU li jkopru l-varjanti u l-verżjonijiet kollha tat-tip tal-IWVTA. Fil-każijiet fejn dawn ir-Regolamenti tan-NU jinkludu rekwiżiti kemm għal parts kif ukoll għall-installazzjoni tagħhom fuq il-vettura, iż-żewġ aspetti għandhom ikunu koperti minn approvazzjonijiet tat-tip.
- 5.1.2. Għall-U-IWVTA, għandhom jiġu inklużi ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa mir-Regolamenti tan-NU kollha applikabbli u elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I skont il-verżjoni elenkata f'dik it-taqsima jew fi kwalunkwe verżjoni suċċessiva oħra.

⁽¹⁾ Sad-data speċifikata mid-WP.29 wara li l-bażi tad-dejta fuq sit tal-Internet sikur skont l-Iskeda 5 tal-Ftehim tal-1958 (Reviżjoni 3) tkun operattiva u tinkludi din il-funzjonalità, għandha tiġi kkomunikata notifika ta' approvazzjoni jew ta' estensjoni, ta' rifjut jew ta' rtirar tal-approvazzjoni ta' tip tal-IWVTA skont dan ir-Regolament, kif meħtieġ mill-Artikolu 5.2 tar-Reviżjoni 3 tal-Ftehim tal-1958, permezz ta' kopja fuq karta jew f'format elettroniku, lill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u ritratti u/jew dijagrammi u disinjati pprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni, f'format li ma jeċċedi A4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala xierqa.

5.1.3. Għal-L-IWVTA, wieħed jew aktar ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa mill-paragrafu 5.1.2 ta' hawn fuq jistgħu jitneħħew jew jiġu sostitwiti biċ-ċertifikat skont verżjoni preċedenti tar-Regolament tan-NU rispettiv.

5.2. Dikjarazzjoni ta' Konformità (DoC) ⁽¹⁾

5.2.1. Jekk Parti Kontraenti titlob hekk, il-manifattur tal-vettura għandu jipprovdi u jtellja fuq il-bażi tad-dejta fuq sit tal-Internet sikur tan-NU, għal kull vettura individwali maħsuba biex titqiegħed fis-suq f'dik il-Parti Kontraenti u li tappartjeni għal tip approvat skont dan ir-Regolament, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi ġġenerat DoC tal-vetturi kkonċernati f'dik il-bażi tad-dejta. Il-proċess u l-informazzjoni meħtieġa huma stipulati fl-Anness 6.

5.2.2. Minkejja l-paragrafu 5.2.1 ta' hawn fuq, il-manifattur tal-vettura jista' wkoll jipprovdi u jtellja l-informazzjoni meħtieġa għal kull vettura individwali koperta minn IWVTA irrispettivament mid-destinazzjoni tagħha.

5.2.3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.2.1 ta' hawn fuq għandha tittella' fil-ħin dovut għat-tqegħid fis-suq tal-vetturi fil-Partijiet Kontraenti.

5.2.4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.2.1 ta' hawn fuq tista' tittella' wkoll mill-awtorità tal-approvazzjoni fisem il-manifattur. F'dan il-każ, hija r-responsabbiltà tal-manifattur li jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni bl-informazzjoni meħtieġa u jibqa' responsabbli għall-preċiżjoni tagħha.

6. PROCĊEDURA TAT-TEST

6.1. Meta l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 5.1 ta' hawn fuq tintwera billi jiġu ppreżentati ċ-ċertifikati kollha meħtieġa li jkopru l-varjanti u l-verżjonijiet kollha tat-tip tal-IWVTA, l-ebda test ieħor ma għandu jkun meħtieġ għall-komponenti msemmija f'dawn iċ-ċertifikati.

7. MODIFIKA TAT-TIP TAL-IWVTA U MODIFIKA TAL-APPROVAZZJONI

7.1. Fil-każ ta' kwalunkwe bidla fit-tip tal-IWVTA fir-rigward ta' xi punt partikolari rreġistrat fil-folder ta' informazzjoni, għandha tapplika l-proċedura speċifikata fil-paragrafu 2, Skeda 3 tal-Ftehim tal-1958.

7.1.1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tagħti l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha taġġorna n-numru tal-approvazzjoni b'numru ta' estensjoni, inkrementat skont in-numru ta' estensjonijiet suċċessivi diġà mogħtija skont l-Anness 8, u toħroġ il-formola ta' komunikazzjoni riveduta ddenotata b'dan in-numru tal-estensjoni.

7.2. IWVTA eżistenti tista' tiġi mmodifikata biss permezz ta' estensjoni jew reviżjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

7.2.1. Il-vetturi qabel u wara l-modifika jappartjenu għall-istess klassi tal-IWVTA.

7.2.2. L-istatus tal-IWVTA qabel u wara l-modifika ma jinbidilx bejn rikonoxximent universali u rikonoxximent limitat.

7.2.3. Wara l-modifika l-vetturi kollha koperti mill-estensjoni jew reviżjoni huma konformi mal-istess verżjoni ta' kull Regolament tan-NU inkluż.

7.3. Għal bidliet li ma jissodisfawx kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet tal-paragrafi 7.2.1 u 7.2.2, għandha tinħareġ IWVTA ġdida. Għal bidliet li ma jissodisfawx il-kundizzjoni definita fil-paragrafu 7.2.3 l-IWVTA għandha tiġi maqsuma (ara wkoll il-paragrafu 7.4.4).

7.4. Meta jidħlu fis-seħħ rekwiżiti ġodda (li jirriżultaw minn emendi tal-Anness 4), il-manifattur li jkollu l-approvazzjoni tat-tip għandu jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni li ħarġet l-U-IWVTA dwar waħda mill-għażliet speċifikati fis-subparagrafi ta' hawn taħt.

In-notifika titqies li tkun saret meta l-manifattur jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 9.

⁽¹⁾ Dan il-paragrafu għandu japplika minn data speċifikata mid-WP.29 wara li l-bażi tad-dejta fuq sit tal-Internet sikur skont l-Iskeda 5 tar-Reviżjoni 3 tal-Ftehim tal-1958 tkun operattiva u tinkludi din il-funzjonalità.

- 7.4.1. It-tip tal-IWVTA kkonċernat mhux affettwat mir-rekwiżiti l-ġodda. F'dak il-każ, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda emenda għall-approvazzjoni tat-tip.
- 7.4.2. It-tip tal-IWVTA huwa affettwat u l-manifattur irid iżomm l-istatus universali tal-IWVTA u għalhekk japplika għal estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ.
- 7.4.3. It-tip tal-IWVTA huwa affettwat, iżda l-manifattur ma jixtieqx iżomm l-istatus universali tal-IWVTA. F'dak il-każ, l-U-IWVTA għandha tiġi rtirata (effettiv fid-data li fiha l-IWVTA ma tibqax aktar universali). Għall-produzzjoni kontinwa, għandha tinħareġ L-IWVTA ġdida. Madankollu, meta tingħata din l-L-IWVTA l-ġdida, id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament tan-NU Nru 0 u tar-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4 għandhom jiġu interpretati bħallikieku ġiet estiża IWVTA eżistenti.
- 7.4.4. Fil-każ li l-manifattur jixtieq li jagħżel iż-żewġ alternattivi (paragrafi 7.4.2 u 7.4.3 ta' hawn fuq) fl-istess ħin għal porzjonijiet differenti tal-produzzjoni tiegħu, l-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi maqsuma minħabba d-definizzjoni ta' tip tal-IWVTA (Anness 7, Parti A, paragrafu 1.2.1, subparagrafu (b)). F'dan il-każ l-U-IWVTA eżistenti għandha tiġi estiża u tibqa' U-IWVTA għall-porzjon tal-produzzjoni li jiġi modifikat sabiex jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli reċentement. Għall-parti tal-produzzjoni li tibqa' ma tinbidilx, għandha tinħareġ L-IWVTA ġdida b'numru tal-approvazzjoni ġdid. Madankollu, meta tingħata din l-L-IWVTA l-ġdida, id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament tan-NU Nru 0 u tar-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4 għandhom jiġu interpretati bħallikieku ġiet estiża IWVTA eżistenti. Id-deżinjazzjonijiet tat-tip tal-manifattur għandhom jidentifikaw b'mod ċar it-tipi tal-IWVTA differenti f'dawk iż-żewġ approvazzjonijiet.
- 7.5. Fil-każ li manifattur iwettaq bidliet tekniċi fuq tip ta' vettura li kien kopert minn L-IWVTA u dawn iwasslu biex il-vettura ssir tissodisfa r-rekwiżiti għal-livell universali, għandha tinħareġ U-IWVTA ġdida. L-"L-IWVTA" preeżistenti tista' tibqa' valida jew tiġi rtirata jekk ma tkunx meħtieġa aktar.

Fil-proċess tal-għoti tal-U-IWVTA l-ġdida, ir-regoli li ġejjin għandhom jiġu mħarsa:

- (a) Ir-rekwiżiti tekniċi għal tip ta' vettura eżistenti japplikaw għat-tagħmir u l-parts kollha approvati diġà skont il-verżjonijiet tar-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I u inklużi fl-L-IWVTA preeżistenti dejjem jekk ma tkun saret ebda bidla fit-tagħmir jew parts rilevanti li tirriżulta f'tip ġdid;
- (b) Ir-rekwiżiti tekniċi għal tip ta' vettura ġdid japplikaw fil-każi l-oħra kollha.

8. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stipulati fl-Iskeda 1 tal-Ftehim tal-1958 b'dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

- 8.1. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun immanifatturata b'mod li tkun konformi mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' hawn fuq;
- 8.2. L-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-metodi għall-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni. Tali verifika għandha primarjament tikkonċerna l-vettura sħiħa u l-attivitajiet tal-assemblaġġ relatati u m'għandhiex, mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli, tirrepeti valutazzjonijiet preċedenti mwettqa għal Regolamenti tan-NU separati li jinkludu parti mill-IWVTA.

9. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

- 9.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip tal-IWVTA skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti jew jekk vettura li jkollha fuqha l-marka tal-approvazzjoni tat-tip ma tkunx konformi mat-tip tal-IWVTA approvat.
- 9.2. Jekk Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, hija għandha minnufih tinnotifika b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-eżempju fl-Anness 1.

10. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għalkollox il-manifattura ta' tip tal-IWVTA approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità tal-approvazzjoni, li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf lill-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-eżempju fl-Anness 1 bl-użu tal-bażi tad-dejta fuq sit tal-Internet sikur skont l-Iskeda 5 tal-Ftehim tal-1958, Reviżjoni 3.

11. ISMIJJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim tal-1958, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi li jkunu ħatru biex jivverifikaw li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati u tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni li jagħtu l-approvazzjonijiet u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli ta' komunikazzjoni msemmija fl-Anness 1.

12. DISPOŻIZZJONIJET INTRODUTTORJI U TRANŻIZZJONALI

12.1. Minn 9 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-paragrafi 13.1 u 13.5, Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament għandha taċċetta kwalunkwe IWVTA maħruġa skont dan ir-Regolament u m'għandhiex titlob għal approvazzjonijiet separati skont dawk ir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I, li l-konformità magħhom hija ċċertifikata b'din l-IWVTA.

12.2. Meta tingħata approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tal-verżjoni tar-Regolamenti tan-NU kif elenkati fl-Anness 4 u ta' kwalunkwe verżjoni suċċessiva ta' dawn ir-Regolamenti tan-NU għandhom jiġu rispettati, madankollu, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet speċjali tal-paragrafu 13.3 ta' hawn taħt.

13. DISPOŻIZZJONIJET SPEĊJALI GĦAL PARTIJJIET KONTRAENTI LI JAPPLIKAW DAN IR-REGOLAMENT

13.1. Irrispettivament minn jekk Parti Kontraenti tapplikax xi wieħed mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I, din għandha taċċetta f'konformità mal-prinċipji stipulati fl-Artikoli 1 u 3 tal-Ftehim tal-1958 kwalunkwe U-IWVTA bħala evidenza ta' konformità għas-sistemi, tagħmir u parts kollha tal-vettura approvati permezz tagħha. Madankollu, il-vetturi bir-roti li jkollhom U-IWVTA skont ir-Regolament tan-NU Nru 0 jibqgħu suġġetti għar-rekwiżiti nazzjonali jew reġjonali dwar is-sistemi, tagħmir u parts ta' vetturi li mhumiex koperti mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4.

13.2. Irrispettivament minn jekk Parti Kontraenti tapplikax xi wieħed mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I, din tista' toħroġ approvazzjonijiet tat-tip għal dan ir-Regolament suġġett għall-Artikolu 2 tal-Ftehim tal-1958, b'kont meħud tal-paragrafu 2.8 ta' hawn fuq.

13.3. Irrispettivament minn jekk Parti Kontraenti tapplikax xi wieħed mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I, din għandha, għall-finijiet tal-għoti ta' IWVTA, taċċetta kwalunkwe approvazzjoni tat-tip maħruġa skont ir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I.

Għall-U-IWVTA, din għandha taċċetta l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont il-verżjoni tar-Regolamenti tan-NU kif elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I, jew l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa għal kwalunkwe verżjonijiet suċċessivi tar-Regolamenti tan-NU ppreżentati skont il-paragrafu 5.1.2 ta' hawn fuq.

Jekk l-aħħar verżjoni ta' Regolament tan-NU individwali ma tkunx elenkata fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I u minkejja l-fatt li d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' din l-aħħar verżjoni m'għadhomx jobbligaw lill-Partijiet Kontraenti jaċċettaw approvazzjonijiet skont il-verżjoni preċedenti, l-approvazzjonijiet maħruġa skont il-verżjoni tar-Regolament tan-NU elenkata fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I għandhom jiġu aċċettati.

13.4. Irrispettivament minn jekk Parti Kontraenti tapplikax xi wieħed mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I, din għandha, għall-finijiet tat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir u spare parts għall-vetturi koperti minn IWVTA aċċettata minn dik il-Parti Kontraenti, taċċetta l-approvazzjonijiet tat-tip skont ir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I bħala evidenza ta' konformità għat-tagħmir u l-parts rispettivi.

Madankollu, Parti Kontraenti li ma tapplikax xi wħud mir-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness 4, Parti A, Taqsima I tista' tinnotifika lis-segretarjat tal-Kumitat Amministrattiv li għal dawn ir-Regolamenti tan-NU mhijiex marbuta b'dan l-obbligu li taċċetta l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont dawn ir-Regolamenti tan-NU bħala evidenza ta' konformità għat-tagħmir u l-parts rispettivi. In-notifika għandha tidentifika b'mod speċifiku r-Regolament(i) tan-NU li għalihom spare parts b'approvazzjoni tat-tip tan-NU mhux se jiġu aċċettati fin-nuqqas ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jew reġjonali ulterjuri.

- 13.5. Suġġett għal notifika lis-segretarjat tal-Kumitat Amministrattiv, Parti Kontraenti tista' taċċetta L-IWVTA f'konformità mal-prinċipji stipulati fl-Artikoli 1, 3 u 12 tal-Ftehim tal-1958. Għal dan il-fini, hija għandha tinnotifika lis-segretarjat tal-Kumitat Amministrattiv bir-Regolamenti tan-NU u l-verżjonijiet tagħhom li għalihom se taċċetta approvazzjonijiet tat-tip bħala evidenza ta' konformità għas-sistemi, tagħmir u parts kollha tal-vettura approvati permezz tagħhom. Kwalunkwe tibdil għal-livell ta' aċċettazzjoni għandu jiġi notifikat ukoll qabel id-data tal-applikazzjoni.


Għal din in-notifika, għandu jintuża l-format ipprovdut fl-Anness 4, Parti A, Taqsima II. Il-parti Kontraenti għandha mbagħhad taċċetta bħala evidenza ta' konformità, kwalunkwe L-IWVTA li tinkludi mill-inqas l-approvazzjonijiet tat-tip li huma f'konformità man-notifika mill-Parti Kontraenti fir-rigward tal-Anness 4, Parti A, Taqsima II.

ANNEX 1

FORMOLA TA' KOMUNIKAZZJONI

Parti A: Vetturi tal-kategorija M₁

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



Maħruġa minn:

Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

Li tikkonċerna ⁽²⁾: Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni ritirata b'effett minn jj/xx/ssss

Approvazzjoni rrifjutata

Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip tal-IWVTA, skont ir-Regolament tan-NU Nru 0

Nru tal-Approvazzjoni:

Nru tal-Estensjoni:

Raġuni għall-estensjoni:

Taqsimha I

0.1. Marka (isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Klassi tal-IWVTA:

0.2.0. Tip tal-IWVTA:

0.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali ⁽³⁾:

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip tal-IWVTA, jekk immarkati fuq il-vettura:

0.3.1. Pożizzjoni tal-marka:

0.4. Kategorija tal-vettura ⁽⁴⁾:

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.8. L-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ:

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun hemm):

Taqsimha II (Punti 1 sa 4 mhux applikabbli jekk il-produzzjoni hija mwaqqfa għalkollox)

Jien, hawn taħt iffirmit, b'dan niċċertifika l-preċiżjoni tad-deskrizzjoni tal-manifattur fil-folder ta' informazzjoni mehmuż tal-vettura/i deskritta/i hawn fuq (il-kampjun(i) ġew magħżula mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip u ppreżentati mill-manifattur bħala prototip(i) tat-tip tal-IWVTA) u li r-riżultati tal-ittestjar mehmuża huma applikabbli għat-tip tal-IWVTA.

1. It-tip tal-IWVTA jissodisfa/ma jissodisfax ⁽²⁾ ir-rekwiżiti tekniċi għall-U-IWVTA kif preskritt fil-paragrafu 5.1.2 ta' dan ir-Regolament.

2. It-tip tal-IWVTA jissodisfa/ma jissodisfax ⁽²⁾ ir-rekwiżiti tekniċi għall-L-IWVTA kif preskritt fil-paragrafu 5.1.3 ta' dan ir-Regolament.
3. L-approvazzjoni hija mogħtija/estiża/irtirata b'effett minn jj/xx/ssss/irrifutata ⁽²⁾
4. L-approvazzjoni hija mogħtija skont il-proċedura għal teknoloġiji ġodda kif definit fl-Iskeda 7 tal-Ftehim tal-1958 u l-validità tal-approvazzjoni hija għalhekk limitata sa jj/xx/ssss ⁽²⁾.

(Post)

(Firma)

(Data)

Dokumenti mehmużin:

Pakkett ta' informazzjoni.

⁽¹⁾ In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).

⁽²⁾ Ħassar fejn ma jkunx applikabbli.

⁽³⁾ Jekk mhux disponibbli fil-ħin tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip, dan il-punt għandu jimtela sa mhux aktar tard minn meta l-vettura tiġi introdotta fis-suq.

⁽⁴⁾ Kif definit fil-paragrafu 2 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6)


ANNEX 2

ARRANĠAMENT TAL-MARKA TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

(Ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)

Il-preskrizzjonijiet ta' dan l-anness dwar il-marka tal-approvazzjoni tat-tip għal IWVTA flimkien mal-Artikolu 3.2 tal-Ftehim tal-1958 m'għandhomx jipprekludu rekwiżiti addizzjonali nazzjonali jew reġjonali li jikkonċernaw l-identifikazzjoni tal-vettura bħalma huma l-pjanċi statutorji jew in-numri ta' identifikazzjoni tal-vettura.


Taqsimha I: marka tal-approvazzjoni tat-tip għal U-IWVTA



$a = 8 \text{ mm}$, minimu

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq, imwahrha ma' vettura, turi li l-klassi tal-IWVTA kkonċernata, fir-rigward tal-U-IWVTA, għet approvata fin-Netherlands (E 4) skont dan ir-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu. L-ittra U tidentifika l-approvazzjoni bħala universali (paragrafu 2.3.1 ta' dan ir-Regolament). L-approvazzjoni hija mogħtija għall-klassi tal-IWVTA approvata bin-numru 1234 u t-tip tal-IWVTA bin-numru 01.

Taqsimha II: marka tal-approvazzjoni tat-tip għal L-IWVTA



$a = 8 \text{ mm}$, minimu

Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip ta' hawn fuq, imwahrha ma' vettura, turi li l-klassi tal-IWVTA kkonċernata, fir-rigward tal-L-IWVTA, għet approvata fin-Netherlands (E 4) skont dan ir-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu. L-ittra L tidentifika l-approvazzjoni bħala waħda ta' rikonoxximent limitat (paragrafu 2.3.2 ta' dan ir-Regolament). L-approvazzjoni hija mogħtija għall-klassi tal-IWVTA approvata bin-numru 1234 u t-tip tal-IWVTA bin-numru 02.

ANNEX 3

PROĊEDURI LI GĦANDHOM JIĠU SEGWITI GĦALL-IWVTA

1. Obiettivi u kamp ta' applikazzjoni

Dan l-Anness jistipula l-proċeduri għall-IWVTA skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4.1 ta' dan ir-Regolament.

2. Proċess tal-approvazzjoni tat-tip

Meta tirċievi applikazzjoni għal IWVTA, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:

- (a) Tivverifika li ċ-ċertifikati kollha tal-approvazzjoni tat-tip maħruġa skont ir-Regolamenti tan-NU li huma applikabbli għal IWVTA jkopru t-tip tal-IWVTA u jikkorrispondu mar-rekwiżiti preskritti;
- (b) Tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura u d-dejta inklużi fid-dokument ta' informazzjoni (Parti II tal-Anness 5) huma inklużi fid-dejta fil-pakketti ta' informazzjoni u fiċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tar-Regolamenti tan-NU rilevanti;
- (c) Meta wieħed mill-punti fid-dokument ta' informazzjoni (Parti II tal-Anness 5) ma jkunx inkluż fil-pakkett ta' informazzjoni ta' xi wieħed mir-Regolamenti tan-NU, id-dejta dwar il-parti jew karatteristika rilevanti għandha tiġi trattata bħala informazzjoni ta' referenza għall-identifikazzjoni tal-vettura bażika;
- (d) Fuq kampjun magħżul ta' vetturi mit-tip li jrid jiġi approvat twettaq jew tirranġa biex jitwettqu spezzjonijiet biex tivverifika li l-vettura/i hi/huma mibnija skont id-dejta rilevanti inkluża fil-pakkett ta' informazzjoni fir-rigward taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip rilevanti;
- (e) Twettaq jew tirranġa biex jitwettqu kontrolli ta' installazzjoni rilevanti fir-rigward ta' sistemi, tagħmir u parts fejn applikabbli.

3. Taħlita ta' speċifikazzjonijiet tekniċi

In-numru ta' vetturi li jridu jiġu ppreżentati għandu jkun suffiċjenti biex jippermetti l-kontroll xieraq tal-varjanti u l-verżjonijiet tat-tip li jrid jiġi approvat.

—

ANNEX 4

LISTA TA' REKWIŻITI GĦALL-FINIJIET TAL-IWVTA

Lista ta' atti regolatorji

Parti A: Rekwiżiti għal vetturi tal-kategorija M₁

Taqsimi I: Lista ta' rekwiżiti għal U-IWVTA

Numru	Suġġett	Verżjoni tar-Regolament tan-NU	
		Regolament tan-NU (1)	Serje ta' emendi (2)
1	Tagħmir retroriflettiv għall-vetturi li jaħdmu bil-magni u t-trejlers tagħhom	3	02
2	Apparati għat-tidwil tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara ta' vetturi li jaħdmu bil-magni u t-trejlers tagħhom	4	00
3	Indikaturi tad-direzzjoni għal vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom	6	01
4	Fanali tal-pożizzjoni ta' quddiem u fanali tal-pożizzjoni ta' wara, fanali tal-waqfien u fanali li jimmarkaw it-truf tal-vettura, għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	7	02
5	Vetturi fir-rigward tal-kompatibbiltà elettromanjetika	10	05
6	Vetturi fir-rigward tal-lukketti tal-bibien u l-komponenti li jżommu l-bibien	11	04
